L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| DATA: | 9 ta' Ottubru 2021 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

## TAQSIMA A: IL-QARI U L-KITBA PRATTIKA

### A1. Il-qari

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

### Modi ġodda ta' reklamar

Il-bniedem mexa minn tradizzjoni bbażata fuq industrija u manifattura għal ekonomija bbażata fuq l-informatika u l-kompjuters. Din tissejjaħ ir-revoluzzjoni diġitali; revoluzzjoni li affettwat ukoll il-mod kif l-organizzazzjonijiet bdew jersqu lejn il-klijenti tagħhom. Kif ġara fiż-żminijiet ta' qabel, it-teknoloġija aktar avvanzata ġabet magħha invenzjonijiet ġodda li permezz tagħhom id-dinja saret "villaġġ globali". Ma jistax wieħed isemmi l-era diġitali mingħajr ma jibda biċ-ċavetta li fetħet dan kollu: l-Internet u l-World Wide Web. L-iskop ewlieni ta' dawn l-invenzjonijiet kien li jgħaqqdu numru kbir ta' nies flimkien permezz tal-kompjuter tagħhom u li dawn ikunu jistgħu jxerrdu informazzjoni malajr u b'mod aktar effikaċi. Għall-ħabta tal-1994, permezz tal-posta elettronika u reklami fuq siti elettroniċi, l-imprenditur sab mod ieħor iktar effiċjenti u li jiswa ferm inqas flus sabiex jgħaddi l-messaġġ tiegħu. Lejn l-aħħar tas-snin disgħin naraw splużjoni ta' kumpaniji li bdew joħolqu s-sit elettroniku tagħhom sabiex b'hekk jimxu maż-żmien u ma' klijentela li bdiet issir aktar midħla tat-teknoloġija u fl-istess ħin ma jinqatgħux lura mill-kompetituri tagħhom. (par. 1)

Il-millennju l-ġdid ġab miegħu wkoll l-invenzjoni tal-mowbajl kif nafuh illum. Kienu ħafna kumpaniji li bdew jużaw is-sistema tax-Short Messaging Service (SMS) li biha setgħu jilħqu lil kull min għandu mowbajl. Il-kumpanija Nike fost oħrajn ħolqot kampanja fejn permezz ta' billboard interattiv f'Times Square, New York, in-nies setgħu jibagħtu disinn personalizzat ta' żarbun permezz tat-tastiera tal-mowbajl tagħhom, u dan kien jidher fuq dan l-istess billboard. (par. 2)

Iktar ma beda dieħel is-seklu 21, l-internet beda kulma jmur isir aktar effiċjenti, veloċi u milħuq minn aktar nies. Madankollu bdejna naraw bidla fil-mentalità tar-reklamatur u l-klijent. Fejn qabel ir-reklamaturi kienu jaraw kif se jinvadu kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni biex iwasslu l-messaġġ tagħhom, permezz ta' blogs u siti soċjali bħal Facebook, YouTube u Twitter, il-klijent ħataf il-poter kollu f'idu u l-attenzjoni sar jiġbidha hu minflok ir-reklamatur. Il-klijent beda jesprimi ruħu b'mod aktar viżibbli u r-reklamatur sar għodda f'idejn il-klijent. (par. 3)

***Jekk jogħġbok, aqleb il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

B'hekk dawn is-siti soċjali ħolqu revoluzzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' reklamar, fis-sens li r-reklamar ma setax jibqa' dak li kien. L-uniku mod li issa u fil-futur wieħed seta' jilħaq lill-konsumatur kien billi ma jibqax jinterrompi dak li l-konsumatur stess ried jikkonsma. Minflok, ir-reklamatur beda jikkrea kontenut iktar relevanti u personalizzat, ibbażat fuq dak li verament iridu n-nies u meta u fejn iriduh huma. B'dan il-mod, kumpanija tista' tattira, tikkomunika u fl-aħħar nett tissodisfa lill-klijenti b'mod aħjar. (par. 4)

*(minn Il-Lingwaġġ tar-Reklamar bil-Malti, teżina ta' Keith Muscat, l-Università ta' Malta, 2014)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont dak li għadek kemm qrajt.**

1. Ikteb l-ittra tal-istqarrija t-tajba: (2)
   a. Il-villaġġ globali, mibni mit-teknoloġija moderna, qiegħed jagħmilha possibbli li l-konsumatur jgħix mingħajr reklamar.
   b. Ir-reklamar sar juri aktar lin-nies bħala konsumaturi fil-villaġġ globali.
   ċ. Il-poter fil-villaġġ globali mexa mir-reklamatur għall-konsumatur billi l-konsumatur qiegħed joħloq hu stess il-prodott li jixtieq jakkwista.
   d. L-avvanzi kbar fit-teknoloġija mhux biss ħolqu villaġġ globali, imma bidlu radikalment ir-relazzjoni bejn ir-reklamatur, il-prodott irreklamat u l-konsumatur.

2. Qassar it-test li għadek kemm qrajt f'paragrafu wieħed ta' **bejn 80 u 90 kelma**. Ikteb fi kliemek u uża t-tielet persuna fil-perfett. (5)

3. Kemm taħseb li dak li kiteb Keith Muscat qiegħed verament jiġri fil-ħajja tiegħek bħala żagħżugħ/a tas-seklu 21? (3)

## A2. Il-kitba prattika

Għadek kemm ġejt impjegat/a fit-taqsima tar-reklamar ta' kumpanija ftit antika li sejra lura fil-bejgħ. L-ewwel xogħol tiegħek huwa li tfassal u tiddeskrivi proġett f'**bejn 100 u 150 kelma** biex tipperswadi lis-sidien tal-kumpanija KUMPA Ltd, jibdlu t-tattika tar-reklamar għal waħda aktar aġġornata mas-sistemi tal-lum. (10)

**(Total: 20 marka)**

## TAQSIMA B: IL-LINGWISTIKA

**Wieġeb IŻ-ŻEWĠ mistoqsijiet.**

1. Il-lingwa miktuba tvarja b'ħafna modi mil-lingwa mitħaddta. Ikteb paragrafu ta' **bejn 80 u 100 kelma** dwar żewġ modi ewlenin kif il-kitba tvarja mit-taħdit. (6)

2. Il-lessiku u l-binja tal-kliem fil-Malti jixhdu storja twila ta' kuntatt ma' ilsna differenti. Uri kemm dan huwa minnu billi f'kitba ta' **bejn 300 u 350 kelma** tispjega kif issawwar il-Malti tul is-snin. Saħħaħ l-argumenti tiegħek b'eżempji xierqa. (15)

**(Total: 21 marka)**

## TAQSIMA Ċ: IL-POEŻIJA

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 300 u 320 kelma.**

1. Fil-ġabra *Xi Drabi Mqar Persuna* ta' Simone Galea jinħass li l-poetessa tagħti valur fundamentali lill-imħabba. Iddiskuti b'referenza għax-xogħlijiet li studjajt.

**JEW**

2. Ix-xogħol poetiku ta' Simone Galea għandu l-għan li jiddefinixxi lill-mara b'mod sħiħ. Iddiskuti b'referenza għax-xogħlijiet miġbura fil-ktieb *Xi Drabi Mqar Persuna.*

**(Total: 22 marka)**

## TAQSIMA D: IL-PROŻA

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 300 u 320 kelma.**

1. L-imħabba fir-rumanz *Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici tqajjem kunflitti serji ħafna. Iddiskuti t-triangolu bejn Luretu, Rożina u Feliċ.

**JEW**

2. Iddiskuti l-bidla li naraw fil-karattru ta' Paċikku fir-rumanz *Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici, minn "wieħed żbandut mir-raħal" għal dak li jissagrifika lilu nnifsu biex isalva lil ħaddieħor.

**(Total: 22 marka)**